MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 536/2008/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**V & C Contractors Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Lulju, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta Lulju 2008, fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' €1,448.71c (elf erba' mija u tmienja u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu) rapprezentanti valur ta danni kawzati f'cable proprjeta ta' l-attur f'incident li sehh

nhar is-6 ta’ Gunju 2005 gewwa triq Falka Zabbiegh limiti tal-Mosta oltre biex jithallas l-imghax legali dekorribbli mis-27 ta’ Lulju 2006 d-data tal-ittra ufficcjali sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata 27 ta’ Lulju 2006 kontra s-socjeta konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 11 ta’ Novembru 2008 fejn ikkontestat it-talba attrici ghal diversi ragunijiet fosthom il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi qabel xejn dan it-Tribunal sejjer jitratta l-kwistjoni tal-preskrizzjoni tat-terminu ta’ sentejn sollevata mis-socjeta konvenuta peress illi jekk din tirrizulta ser twassal biex toqtol l-azzjoni mressqa mill-Korporazzjoni attrici.

Illi mill-provi jirrizultaw is-segwenti fatturi:-

1. L-incident meritu ta’ dina l-kawza sehh fis-6 ta’ Gunju tas-sena 2005.

2. Illi l-kawza odjerna giet prezentata jew fit-3 ta’ Lulju 2008 skond timbru wiehed jew fis-7 ta’ Lulju 2008 skond timbru iehor pero certament mhux fis-7 ta’ April 2008 kif hemm indikat fuq il-Qoxra tal-process;

3. Illi ghalkemm fl-avviz hemm indikat li kienet giet prezentata ittra ufficjali datata 27 ta’ Lulju 2006, liema ittra ufficcjali kienet isservi sabiex tinterrompi l-perjodu preskrittiv, dan l-att gudizzjarju ma giex ipprezentat bhala prova u

kwindi dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni tieghu skond il-principju quod non est in acta non est in mundo partikolarment meta tqis illi certament ma hemmx il-prova tan-notifika ta tali att gudizzjarju;

4. Illi anqas ma ngiebet xi prova ohra li l-perjodu preskrittiv gie nterrott b'xi mod iehor skond il-ligi. Illi ghalkemm Patrick Borg Cardona xehed li Vincent Borg kien ammetta mieghu li kienu l-haddiema tieghu li laqtu l-cable fl-istess xhieda jafferma li Borg kien stqarr mieghu li mhux il-haddiema tieghu kienu ghamlu t-toqba fejn kien hemm il-cable milqut. Barra minnhekk xhud iehor tal-attur, certu Charles Fenech afferma li haddiema tas-socjeta konvenuta kienu a tempo vergine nnegaw li kienu huma li laqtu l-cable. Jinghad inoltre li PC 548 ikkonferma r-rapport tieghu stess fejn hemm imnizzel li Vincent Borg kien cahad mieghu li laqat il-cable "from his end he strongly denied that he or any one of his employees caused any damages to said cable".

5. Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jirrizulta li meta giet intavolata l-azzjoni odjerna, kienu gia ghaddew aktar minn sentejn mid-data tal-incident u li tali perjodu legali ma gie nterrott b'ebda mod u manjiera mill-Korporazzjoni attrici.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, kwindi jiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u konsegwentement ghalhekk jichad it-talba attrici bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess Korporazzjoni attrici."

Il-Korporazzjoni attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi t-Tribunal kien messu akkolja t-talba taghha ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex

tezebixxi kopja ta' l-ittra ufficcjali li kienet turi li l-preskrizzjoni opposta giet interrotta. Ma' dan l-appell taghha l-Korporazzjoni appellanti annettiet kopja ta' l-ittra ufficcjali datata 27 ta' Lulju, 2006;

In linea ta' principju generali hu accettat illi d-disponibilita` u l-produzzjoni tal-provi, sija testimonjali, sija dokumentali, hu mholli fl-inizzjattiva tal-partijiet fil-litigju, u, anzi, hu in virtu ta' dan il-principju u tal-provi proposti li l-gudikant jibbaza finalment id-decizjoni tieghu. Taht dan l-aspett hi sew nutrita certa gurisprudenza tal-Qrati taghna li trid u tghid illi meta prova dokumentali ma tingiebx fl-ewwel istanza u fiz-zmien li kellha titressaq mhux permissibbli l-produzzjoni taghha fl-istadju ta' appell mis-sentenza. Ara, fost ohrajn, "**Carmela Zammit -vs- Salvatore Mifsud**", Appell Inferjuri, 20 ta' Marzu, 1954 u "**Sac. Michele Zammit -vs- Parr. A. Tabone *et***", Appell Civili, 12 ta' Dicembru, 1919;

Fil-kaz prezenti jirrizulta mill-korp tas-sentenza appellata illi t-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu li biha laqa' l-preskrizzjoni eccepita billi, *inter alia,* irraguna illi ma ngiebet ebda kontro-prova ta' xi att interruttiv ta' dik l-istess preskrizzjoni. Dan ir-ragonament tieghu hu mfassal fuq il-konsiderazzjoni illi, ghalkemm hu veru li l-Avviz promotur jirreferi ghall-ittra ufficcjali datata 27 ta' Lulju, 2006, eppure, imbaghad, ma gietx prezentata prova taghha u dan il-fatt kien jipprekludih milli jiehu konjizzjoni ta' dak l-istess att gudizzjarju;

Ma' dan ir-ragonament din il-Qorti rispettosament ma' taqbelx. It-Tribunal, avolja ma gietx prezentata kopja ta' dak l-att, kellu jiehu kont ta' dik l-ittra ufficcjali ghal-liema l-Korporazzjoni appellanti rreferiet fl-Avviz taghha ghaliex, trattasi ta' att gjacenti fir-Registru tal-Qorti, hu kellu l-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu li jivverifika dak l-istess att u jaccerta ruhu wkoll illi l-att mhux biss gie intavolat, izda notifikat ukoll;

Ta’ din l-istess fehma, fuq ir-ricerka maghmula, kienet il-Qorti ta’ l-Appell, sede Kummercjali, fid-decizjoni fl-ismijiet “**Alphonse Maria Vella *et* -vs- Carmelo Mallia**”, 11 ta’ Lulju, 1994, li, in referenza ghan-nuqqas mill-parti attrici ta’ esebizzjoni ta’ kopji ta’ sentenzi fl-ewwel istanza, irreteniet dan li gej ghall-akkoljiment minnha ta’ l-appell lilha devolut:-

1. “Trattandosi ta’ sentenzi ta’ wahda minn dawn il-Qrati, din il-Qorti ma tistax tifhem kif biex tigi pruvata l-ezistenza taghhom jehtieg li tkun il-parti li tipprezenta kopja ufficcjali taghhom meta huma atti ta’ l-istess Qorti”;

2. “Din il-Qorti m’ghandiex dubju li una volta saret riferenza ghal zewg sentenzi li kienu jirrigwardaw il-mertu tal-kawza, l-ewwel Qorti kellha jew tezamina l-istess sentenzi hi jew jekk ghandha xi diffikoltajiet tordna lill-parti biex jipprezentaw kopja. Certament, pero`, ma setghetx tippenalizza lill-atturi ghax naqsu li jipprezentaw kopja awtentikata ta’ dawn is-sentenzi billi ssostni li b’daqshekk naqset il-prova ta’ l-ezistenza ta’ l-istess meta dawn huma atti ta’ l-istess Qorti”;

3. “Kwantu ghall-ittra ufficcjali japplika ukoll dak li nghad ...”

Dan hu hekk anke fil-kaz ta’ semplici referenza ghad-dokumenti esebiti f’sede kriminali ghaliex, kif sewwa deciz, “*essendo giacenti in atti di Corte, possono in seguito a riferimento fattovi dall’ attore ... servire per istruire una lite civile*”. Ara “**Negte. Giuseppe C. Degiorgio *et* -vs- Carmelo Asciak**”, Appell Civili, 3 ta’ Ottubru, 1927;

Jinzel minn dawn l-ezemplari rakkolti mill-gurisprudneza illi l-motivazzjoni tat-Tribunal hi vizzjata u d-decizjoni ghandha tigi mwarrba. Il-prova li taghmel l-ittra ufficcjali, esebita mar-rikors ta’ appell skond l-Artikolu 145 tal-Kapitolu 12, ghandha invece tkun ammessa ghall-ahjar

istruzzjoni tal-kawza u dik ta' l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Fic-cirkostanzi l-Qorti jkollha tapplika d-dispost ta' l-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 380.

Ghall-motivi dedotti din il-Qorti qed tilqa' l-aggravju sottomess bl-appell, thassar is-sentenza appellata, u tiddifferixxi l-kawza ghall-finali trattazzjoni ghad-19 ta' Frar, 2010, b'dan li fil-frattemp il-Qorti qeghda tinnomina lill-Assistent Gudizzjarju Dottor Anna Caruana biex tigbor il-provi li l-partijiet jixtiequ jipproducu. L-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew fi kwoti ndaqs mill-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------